MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 589/2004

**Jamar Limited**

**vs**

**Gilbert Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin, (LM2,327.00,0), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-import ta' sett ta' tlettax –il kambjala accettati min-numru sitta (6) san-numru tmintax (18) ta' mija u disgha u sebghin Lira Maltin, (Lm179.00,0), kull wahda li mmaturaw u li qed**

**jigu hawn annessi u mmarkati DOKUMENTI A1 – A13, u li sa issa ma thallsux.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 25 ta’ Mejju tas-sena 2004 u bl-imghaxijiet kummercjali mill-hrug ta’ l-istess kambjali sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-1 ta’ Marzu tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------